MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tad-29 ta' Settembru, 2003

Numru 289/2003

**Il-Pulizija**
**(Spettur Helga Debono)**

**vs**

**Adrian Grima et.**

**Seduta tal-lum 29 ta' Settembru, 2003.**

**Il-Qorti**

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra:

**Adrian Grima** ta' 55 sena, iben Francis Xavier u Maria Anne nee' Gauci Borda, imwieled Balzan fl-20 ta' Gunju, 1947, residenti 'Kilamani', 78, Triq it-Tiben, Swieqi, u detentur tal-karta ta' l-identita' numru 574747(M);

**David Grima** ta' 42 sena, iben Francis Xavier u Maria Anne nee' Gauci Borda, imwieled Balzan fil-05 ta' Mejju, 1960, residenti 7, 'Mistral', Triq Enrico Naudi, Iklin, u detentur tal-karta ta' l-identita' numru 307860(M);
**Mark Grima** ta' 47 sena, iben Francis Xavier u Maria Anne nee' Gauci Borda, imwieled Balzan fil-15 t' Awissu, 1955, residenti 34, 'Paola House', Triq l-Gharix, Misrah Kola, Attard u detentur tal-karta ta' l-identita' numru 594255(M);
**Brain Grima** ta' 37 sena, iben Francis Xavier u Maria Anne nee' Gauci Borda, imwieled Balzan fis-27 ta' Dicembru, 1965, residenti 'Campo deoi Fiori', Gharghur Road, Iklin, u detentur tal-karta ta' l-identita' numru 18466(M), kif riportata a fol 1 u 2 tal-process bil-mod segwenti:

**Talli fis-sena 2001 u fis-snin ta' wara, fil-fabbrika Bristrow Potteries, inhawi ta' Ta' Qali u fi bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:**

(a) **bi qliegh jew bi skop ta' kummerc, stampajtu, mmanifatturajtu, idduplikajtu, jew mod iehor iriproducejtu jew ikkopjajtu, jew bieghejtu, qassamtu, jew mod iehor offrejtu ghall-bejgh jew biex jitqassmu, xi artikolu jew xi haga ohra bi ksur tal-jeddijiet li johorgu mid-drittijiet ta' l-awtur li jkollha persuna ohra protetta bil/taht il-Ligi ta' Malta u dan bi ksur ta' l-Artikolu 298B tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta**.

**(b) bi qliegh jew bi skop ta' kummerc, stampajtu, mmanifatturajtu, idduplikajtu, jew mod iehor iriproducejtu jew ikkopjajtu, jew bieghejtu, qassamtu, jew mod iehor offrejtu ghall-bejgh jew biex jitqassmu minn post jew minn gewwa post li huwa kopert b'licenzja jew bhala parti minn attivita koperta b'tali licenzja, xi artikolu jew xi haga ohra bil-ksur tal-jeddijiet ta' l-awtur li jkollha persuna ohra u protetti bil/taht il-ligi ta' Malta u dan bi ksur ta' l-Avviz Legali 120 tal-1992.**

Rat il-kunsens tal-avukat generali tat-8 ta' April, 2003, sabiex il-kaz kontra l-imputati ikun trattat u deciz bil-procedura sommarja;

Semghet il-provi bil-gurament;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza originat minn ilment li l-kwerelanti ghamlu lill-Pulizija li kien hemm esposti ghal-bejgh f'diversi hwienet f'Malta platti dekorattivi li huma simili ghal dawk prodotti mill-kwerelanti u li taghhom ghandhom id-dritt tal-awtur.

F'kawzi ta' din in-natura jehtieg li jkun ezami ta' zewg hwejjeg essenzjali u cioe li min qed jippromovi l-proceduri huwa l-awtur tal-haga u fit-tieni lok li l-haga intercettata hija l-istess disinn jew prodott, simili jew li jista' jghaddi bhala l-original tal-parti leza.

L-artikolu 298B (2) tal-Kap 9 jipprovdi li l-proceduri that l-artikolu 298B (1) tal-Kap 9, li bih huma akkuzati l-imputati, ma jistghux jittiehdu hlief bil-kwerela tal-parti offiza. Wiehed mill-elementi tad-difiza f'din il-kawza jolqot dan ir-rekwizit u ghalhekk din il-Qorti ser tghaddi biex tezamina jekk hemmx l-elementi kollha rikjesti mil-ligi *qua* il-kwerela tal-parti offiza.

Fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija vs Frantz Eugenio deciz fl-24 ta' April 2002**, l-Onorabbli Qorti tal-Appell ghamlet osservazzjoni pertinenti hafna ghal-kaz in dizamina meta qalet li peress li l-proceduri bl-art 298 B jistghu jinbdew biss fuq il-kwerela tal-parti offiza, trid issir il-prova mhux biss li hemm kwerela mghamula minn xi hadd, izda li dak ix-xi hadd huwa fil-fatt il-parti offiza. Issa mil-provi migjuba ma hemm ebda dubju li din il-kawza kienet istitwita fuq kwerela u debitament konfermata bil-gurament. Il-kwerelant izda jehtieglu ukoll iressaq il-prova li huwa ghandu id-dritt tal-awtur bhala l-parti offiza. Il-kwerelant esebixxa zewg dokumenti f'dan ir-rigward u

cioe id-Dok PB1 u Dok PB2 (fol 95 u 96). Id-dokument PB1 huwa dokument bl-ilsien Taljan u intestat hekk: “Dichiarazione Sostitutiva Dell’Atto Di Notorieta’ “ tas-sena 1999. Dan id-dokument jghid illi id-ditta A.L.C.E.A.R. snc ikkrejat il-platt dekorattiv (stampa annessa mad-dikjarazjoni) bil-koperazzjoni tad-ditta John Borg & Sons liema dikjarazzjoni tkompli tghid hekk: “e succesivamente da noi prodotto per essere commercializzato esclusivamenti attraverso la ditta JOHN BORG ora JOHN BORG & SONS”. Id-dokument PB2 imbaghad qed ikun hawn riprodott testwalment, b’sottolinear tal-Qorti:

“Dear Mr. John Borg,

Herewith we confirm the sole agent, for Malta and Gozo of **our production**, especially for our wall-plaque diametre cm.15 about and the wall-plaque diametre cm.24 in wood-type, figure out: The Rotunda Mosta Church, M’Dina, S. Angelo, Castille Valletta, Mellihea, Ta Pinu Church, of cm.15 about 0. Wall-Plaque cm.24 about,:Ta Pinu Church, M’Dina, Malta bird’s wieu with thre shenary, Mosta church, S.Angelo fortress and the Castille of Valletta.

Against **your fidelity to our firm and our products**, we give to you also the copyright **of our item concern Malta and Gozo** island so you should be able to persecute all the several copies.

Under your request we will provide you for all the documentaation you may require. Even through our embassy in Malta.

Mr.Borg please let us have, if you have, a pictures of your national guards as we would like to introduce in one of our new wall-plaque.” (zbalji tal-awtur u mhux tal-Qorti).

Minn dawn iz-zewg dokumenti hemm il-konferma li ALCEAR snc ghandha l-aspettativa tal-propretarja tad-disinn anness mad-Dok PB1 u li din qed taghti l-agenzija eskuzziva lill-John Borg li huwa missier il-kwerelant odjern.

Kull cessjoni ta’ dritt ta’ awtur jehtieg li ssir bil-miktub skond l-artikolu 12 (3) tal-Kap 196 dwar id-drittijiet tal-

awtur. Dan kien kkonfermat mil-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza **Stephen Formosa Ltd vs Eros Trading Co Ltd** moghtija fis-16 ta' Mejju, 2003. Oltre dan, il-Qrati taghna ikkwalifikaw ukoll ir-rekwizit tal-htiega ta' dokument bil-miktub fil-kawza fl-ismijiet **Maestro Joseph Gatt vs Rev. Kappillan Joe Magro** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-25 ta' Jannar, 2002. F'din is-sentenza intqal li bhala proprjeta mobbli, id-dritt tal-awtur jista' jkun trasmess b'cessjoni b'disposizzjoni testamentarja jew bis-sahha tal-ligi u li ebda cessjoni ta dan id-dritt ma jkollha effett jekk mhux bil-miktub. Inoltre id-dritt tal-awtur, ghalhekk jitqies bhala proprjeta' mobbli, ma hux "mobbli korporali" u ma hux inkorporat f'titolu ghall-portatur jew f'titolu negozjabbli; lanqas ma hu dritt ta' kreditu, ghax jiswa *erga omnes*. Din il-Qorti kienet ikkonkludiet li donazzjoni ta' dritt ta' l-awtur tird issir b'att pubbliku, kif irid l-artikolu 1753 tal-Kodici Civili. Fil-kaz in dizamina mhux biss ma hemm l-ebda att pubbliku li jipprova li l-kwerelant kien trasferit lilu id-dritt tal-awtur izda li tali dritt ghadu jappartjeni lil ALCEAR snc..

Il-Qorti hi tal-fehma li l-ewwel rekwizit, u cioe li l-kwerelant irid jipprova li huwa ghandu id-dritt tal-awtur ma hux sodisfatt. Dan ir-rekwizit huwa mehtieg fiz-zewg akkuzi li t-tnejn huma prosegwibbli fuq kwerela tal-parti offiza. Dwar il-mertu ftit hemm x'jista' jinghad meta id-disinn jew motif li l-kwerelant jghid li jappartjeni lilu hu mainfestament differenti minn dak prodott mill-imputati u dan minn ezami semplici li ma jirrikjedi ebda ezami minn lenti ta' espert tal-arti. Inoltre l-imputati ressqu provi li juru li d-disinn taghhom kien ilu li inholoq snin qabel dak tal-ALCEAR snc. Izda il-Qorti mghandhiex ghaliex tidhol fuq din il-kwistjoni meta l-kwerelant ma ssodisfax l-ewwel rekwizit li huwa ghandu d-dritt tal-awtur li huwa prerekwizit ghal-kull inizjament ta' kawza ta' din in-natura.

Ghal dawn il-mottivi l-Qorti ma ssibx lill-imputati hatja u tilliberhom.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------